MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Numru. 618/2011

**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**

**VS**

**DANIEL FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Daniel Farrugia ta’ 33 sena’ bin Louis u Josephine nee’ Attard, mwieled Attard fl- 10 ta’ Novembru 1979, residenti 112, Huddersfield, Triq Kananea, Attard u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 557879M;

Talli f’ ismu propjru u/jew bhala direttur tas- socjeta’ DIS Equipment Rental Ltd. f’ Malta nhar id- 29 ta’ Marzu 2011 u/jew fix- xhur ta’ qabel;

1) Minn madwar is- swar, biswit Xatt Lascaris, Valletta, ikkommetta serq ta’ materjal ta’ scaffolding, liema serq hu aggravat bil- valur li jeccedi €2,329.37 u bil- hin u li sar ghad- detriment tas- socjeta’ Atlantic Scaffolding Ltd u/jew persuna/i u/jew ta’ xi entita’ u/jew entitajiet ohra;

2) Xjentament laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg, cioe’ materjal ta’ scaffolding, misruqa, mehuda b’ qerq jew akkwistati b’ reat, jew xjentement b’ kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat il-provi kollha migbura fil-proces verbal;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat huwa fin-negozju tal-kiri ta’ apparat uzat fil-kostruzzjoni, bhal ‘scaffolding’ u oggetti ohra. F’Marzu 2011 kien sar rapport lill-Pulizija li fil-mahzen ta’ kumpanija tal-imputat kien hemm ‘scaffolding’ ta’ terzi li kien insteraq xi gimghat qabel. Il-Pulizija marret fuq il-post fejn identifikat il-pajpijiet tal-hadid li kienu jiffurmaw parti minn dan l-apparat, u saret inkjesta mill-Magistrat tal-ghassa. Aktar tard ittiehdet stqarrija lill-imputat, u b’hekk inbdew dawn il-proceduri.

Mill-provi prodotti rrisulta li fi Frar 2011 Rachid Lachheb u Miguel Mifsud kienu rrapportaw li kellhom l-iscaffolding taghhom misruq minn fuq lant tax-xoghol li kien qed jitwettaq madwar is-swar tal-Belt. Ghaddew diversi gimghat, u lejn l-ahhar ta’ Marzu 2011, certu Adrian Grech kien infurmahom li dak il-hadid li kien jintrama bhala struttura kien instab gewwa proprjeta’ tal-imputat. Mill-atti tal-inkjesta rrisulta li dawn il-pajpijiet kienu gew identifikati bhala ta’ Lachheb minhabba fil-kulur taz-zebgha taghhom. Di fatti, Lachheb kien xehed f’dawn il-proceduri u kien ikkonferma li l-hadid li kien instab ghand l-imputat

kien tieghu. Hu ra r-ritratti esebiti fil-proces verbal u kkonferma li dak kien l-istess hadid li kien ra dakinhar ghand l-imputat.

Fil-kumpilazzjoni xehed ukoll certu Adrian Grech li kien ex-impjegat tal-imputat, u li qal li kien hu li nduna b'dan il-hadid misruq li kien fil-pussess ta' Farrugia. Hu xehed li meta kien ghadu jahdem ma' Farrugia, kien inghata struzzjonijiet biex igib l-iscaffolding kollu li kien hemm zarmat fuq il-lant tax-xoghol madwar is-swar tal-Belt. Hu kien ghamel hekk, ghabba l-hadid kollu li kien zarmat, u hadu gewwa l-mahzen tal-imputat. Qal ukoll li l-istruzzjonijiet kienu biex jiehu l-hadid kollu li kien hemm, biex "jiknes" kull ma hemm. Hu kien ta dawn l-istruzzjonijiet lill-haddiema li kien hemm mieghu, u telaq.

Xehed ukoll Miguel Mifsud, li huwa shab ma' Rachid Lachheb, u kkonferma r-ritratti tal-proces verbal fejn kien hemm il-hadid proprjeta' taghhom. Dawn kienu ix-xhieda ewlenija tal-Prosekuzzjoni. Xhud iehor ghall-Prosekuzzjoni kien Anthony Bezzina ta' Bezzina Tradin Yard, li meta gie muri r-ritratti fil-proces Verbal gharaf il-hadid li hu kien kera lil Lachheb u Mifsud. Dan il-hadid kien fil-pussess tal-imputat, bhal ma gia' inghad.

Mill-assjem ta' dawn il-provi, il-Qorti m'ghandha ebda dubju li l-imputat kellu fil-pussess tieghu l-iscaffolding proprjeta' ta' Lachheb u Mifsud. Ma inghatat ebda spjegazzjoni mill-imputat jew minn xi xhud iehor kif gie fil-pussess ta' kwantita' hekk kbira ta' hadid. Peress illi l-imputat baqa' ma xehedx, il-Qorti tista' biss tirreferi ghall-istqarrija tieghu, fejn hu jghid li l-iscaffolding li kellu kien kollu tieghu, u li dawk il-marki bil-kulur li Lachheb u Mifsud gharrfu bhala

taghhom kien juzahom hu wkoll. Pero' kien hemm wisq provi kontra l-imputat biex wiehed kista' jaghtih xi forma ta' beneficcju tad-dubju. Madankollu, ma gietx prodotta prova tas-serq, izda semmaj ta' pussess ta' oggett misruq. Ghalhekk il-Qorti sejra ssib htija ghar-reat ta' ricettazzjoni u mhux ukoll ta' serq. Kwantu ghall-piena, din il-Qorti sejra tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28A billi l-piena ta' prigunerija zzommha milli tidhol fis-sehh ghal perijodu skond il-ligi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261 (c)(f), 267, 270, 279(b), 280(1), 281(a), 334, 17, 23, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal- ewwel (1) akkuza, peress illi din inghatat bhala alternattiva ghat-tieni;

Issib lill- imputat hati tat- tieni (2) akkuza u ghaldaqstant tikkundannah ghall-piena ta' tmintax(18) – il xahar prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Art 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta. Tordna hlas tal- ispejjez tal- process verbal.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------